MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1712/2002

**Anthony Baldacchino**

**Vs**

**Brian u Sharon konjugi Bellizzi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fejn l-attur talab il-hlas ta' Lm1,338.48c (elf, tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) import ta' tlieta u tletin (33) kambjala ffirmati mill-konvenuti.

Ra r-Risposta tal-konvenuti fejn qalu li l-ammont mhux dovut "kif sejjer jigi spjegat ahjar fit-trattazzjoni tal-kawza".

Ra d-dokumenti esebiti u sema' x-xhieda.

Ikkunsidra li gew esebiti tlieta u tletin (33) kambjala ffirmati mill-konvenuti. Skond id-dokument AB34 il-partijiet ghamlu tpartit ta' vetturi u l-konvenuti obbligaw ruhhom li

kellhom ihallsu Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) lill-attur.

Skond in-nota esebita mill-konvenuti l-konvenuti kellhom jaghtu lill-attur bilanc ta' Lm139.47c (mija u disgha u tletin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu) izda billi l-attur kien ha pussess tal-vettura Opel huma ma kellhom jaghtu xejn.

Skond l-attur il-Mazda KAJ 834 inbiegh ghal Lm1,400.00c (elf u erba' mitt lira Maltin) izda billi l-partijiet ghamlu wkoll tpartit billi l-attur ircieva Dacia b'valur ta' Lm200.00c (mitejn lira Maltin) l-ammont dovut lill-attur fuq il-Mazda KAJ 834 kien Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) li l-konvenuti obbligaw ruhom li jhallsu f'pagamenti mensili ta' Lm40.56c (erbghin lira Maltin u sitta u hamsin centezmu). Illi dan huwa l-ammont li l-attur qieghed jippretendi f'din il-kawza.

Il-partijiet qablu li l-kambjalijiet esebiti huma dawk li gew mahruga in konnessjoni mal-bejgh tal-Mazda KAJ 834.

Skond Sharon Bellizzi l-Mazda nxtara bil-prezz ta' Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) u l-konvenuti ghamlu tlett pagamenti. Hemm qbil fuq dan il-punt.

Illi Sharon Bellizzi mbaghad tghid li sar ftehim li ssir tpartit bejn il-Mazda u l-Opel.

Il-konvenuti jghidu li huma hadu Opel mill-attur, tawh il-Mazda lura u hallsu ghal Opel. Huma jippretendu li l-ftehim kien li l-Opel ikollu valur ta' Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin) fil-waqt li l-attur qal li Opel gie stmat Lm3,000.00c (tlett elef lira Maltin).

Ma kienx hemm ftehim bil-miktub dwar it-tpartit tal-Opel u l-Mazda. Skond l-attur il-ftehim kien hekk:

Valur tal-Opel - Lm3,000

Valur tal-Mazda - Lm1,200

Bilanc dovut mill-konvenuti Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin) li ghalihom inhargu kambjali favur Michael Attard Ltd.

Skond l-attur il-konvenuti ma kienux hallsu ghal Mazda allura dak l-ammont kien ghadu dovut minnhom u kien sar qbil li jhallsu dan l-ammont wara li jhallsu lil Michael Attard Ltd.

Il-konvenuti jghidu li l-prezz totali ghal Opel kien Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin) u mhux Lm3,000.00c (tlett elef lira Maltin). Skond il-versjoni tal-konvenuti huma kellhom ihallsu Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) ghal Mazda u Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin) sabiex jaslu sal–prezz tal-Opel. Il-konvenuti esebew dokument mahrug minn Michael Attard Ltd li jinnota l-prezz tal-Opel bhala Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin).

Illi l-versjoni tal-konvenuti mhux kredibli. Kienu jafu li kellhom jaghtu bilanc lill-attur fuq il-Mazda. Jekk il-ftehim kien li l-Mazda tigi ritornata bil-prezz ta' Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin) il-bilanc dovut (jekk il-prezz tal-Opel kien Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin)) ma kienx izjed minn Lm600.00c (sitt mitt lira Maltin). Minkejja dan il-konvenuti baqghu jhallsu lil Michael Attard l-ammont ta' Lm1,438.85c (elf, erba' mija u tmienja u tletin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu).

It-Tribunal jikkonkludi li l-versjoni tal-attur huwa aktar kredibli ghaliex li kieku l-prezz tal-Opel gie miftiehem fl-ammont ta' Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin) il-konvenuti ma kienux ikomplu jhallsu lil Michael Attard Ltd l-ammont ta' Lm1,428.85c (elf, erba' mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu) (billi huma kienu taw lill-attur Mazda li kienet tiswa Lm1,200.00c (elf u mitejn lira Maltin)).

Il-versjoni tal-konvenuti mhux kredibli wkoll ghaliex kienu jafu li l-attur kellu kambjalijiet f'idejh izda ma talbux li jiehdu dawn lura meta sar il-ftehim ta' tpartit bejn l-Opel u l-Mazda.

Il-fatt li hemm dokument mahrug minn Michael Attard Ltd li jindika li l-prezz tal-Opel kien Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin) ma jfissirx li ma kienx hemm ftehim li l-prezz totali kien Lm3,000.00c (tlett elef lira Maltin) ghaliex huwa veru li Michael Attard Ltd kellha tiehu Lm1,800.00c (elf u tmien mitt lira Maltin) izda kien ghad hemm bilanc dovut lill-attur.

Illi gie ritenut diversi drabi li "l-azzjoni kambjarja hi azzjoni autonoma" ara (Vella Vs Lofaro – Qorti tal-Kummerc 8/3/1977). It-Tribunal jaghmel referenza wkoll ghal artikoli 197 u 198 tal-Kodici tal-Kummerc. Kieku l-ftehim kien li l-konvenuti ma kellhomx ihallsu xejn izjed lill-attur wiehed kien jistenna li huma jinsistu mieghu li jahtuh lura l-kambjali u jekk ma jaghtihomx jibdew proceduri kontra tieghu.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha t-Tribunal jichad r-Risposta tal-konvenuti, jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur l-ammont ta' Lm1,338.48c (elf, tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) bl-imghax legali u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------